MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2003

Appell Kriminali Numru. 208/2002

**Il-Pulizija**

**v.**

**Annette Bone**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Annette Bone talli f'dawn il-Gzejjer, fid-9 ta' April 1998, u f'dawn *(sic!)* l-ahhar xhur qabel din id-data:

(1) kellha fil-pussess taghha medicina specifikata u psikotropika (Ecstasy pills) bi ksur tal-ligi;
(2) fl-istess dati, lok u cirkostanzi, ikkonsenjat medicina specifikata u psikotropika (Ecstasy pills) lil xi persuna ohra li ma kienx spizjar dirigenti jew ma kienx xort' ohra awtorizzat b'mod xieraq bi ksur tal-ligi;
(3) fl-istess dati, lok u cirkostanzi kellha fil-pussess taghha ir-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew

xi preparazzjonijiet li kellhom bhala bazi ta' din ir-raza, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8(a) tal-Kap 101, liema droga nstabet fit-tali cirkostanzi li juru li ma kenitx ghal uzu esklussiv taghha; u
(4) barra minn hekk fl-istess dati, lok u cirkostanzi bieghet jew xort'ohra ttraffikat ir-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8(b) tal-Kap 101;

L-ewwel qorti kienet mitluba li minbarra l-piena stabillita mill-ligi tordna lil Annette Bone sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap 9;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-17 ta' Settembru 2002 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lil Annette Bone hatja skond l-akkuzi migjuba kontra tagha u kkundannatha xahrejn prigunerija u multa ta' mitt lira (Lm100); inoltre dik il-qorti ordnat id-distruzzjoni tad-Dokument D1 a kura ta' l-Ispizjar Mario Mifsud li gie nominat espert ghal dana l-iskop;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmija Annette Bone, minnha pprezentat fis-26 ta' Settembru, 2002, li permezz tieghu talbet ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza fis-sens li din il-Qorti tikkonferma l-imsemmija sentenza kwantu ghas-sejbien ta' htija ta' pussess ta' droga u tirrevokaha ghall-kumplament, u konsegwentement tvarja anke l-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat- 3 ta' Frar, 2003; ikkunsidrat:

L-ewwel zewg aggravji ta' l-appellanti jirriducu ruhhom ghal aggravju wiehed. Bazikament l-appellanti tikkontendi li l-fatt li hija marret biex tixtri d-droga fuq struzzjonijiet ta' zghazagh ohra (li anke tawha l-flus ghal dan il-ghan) ma jammontax ghal "traffikar" jew "spacc" ta' droga galadarba din id-droga qatt ma waslet ghandhom ghax il-Pulizija lahqet arrestat li min kien suppost ser jikkonsenjaha materjalment. Ghalhekk l-appell hu, proprjament, limitat ghat-tieni u ghar-raba' imputazzjoni; mhux qed jigu

kontestati l-imputazzjonijiet numru wiehed u tlieta. Ghandu jigi precisat ukoll li ghalkemm l-appellanti tikkontendi li xejn mid-droga li hija ordnat u hallset ghaliha ma waslet ghandha u ghand shabha, bhala fatt jirrisulta li dana huwa veru biss fir-rigward tal-pilloli Ecstasy u mhux ukoll fir-rigward tar-raza tal-*cannabis*. In fatti l-ewwel qorti irrimarkat – gustament fil-fehma ta’ din il-Qorti – hekk:

**Id-difiza qed tissottometti li mill-istqarrija tal-imputata ma jirrizultax car jekk id-droga, li l-imputata kienet xtrat u hallset ghaliha, kienitx fil-fatt ghaddiet ghandha kollha. Il-Qorti tirrileva li dan il-punt fattwali huwa korrett parzjalment. Huwa minnu li fl-istqarrija taghha l-imputata, meta kienet qeda titkellem fuq is-sitt pilloli li kienet xtrat ghal shabha qalet *“l-ohrajn (il-pilloli) kelli nigborhom minghand Stephen ta’ Ghawdex”*. Din il-proposizzjoni tindika li dawn il-pilloli ma kienitx ghadha akkwistat il-pussess taghhom fil-mument ta’ l-arrest. Izda in kwantu ghar-raza tal-*cannabis* irrizulta pruvat li din kienet waslet fil-pusses taghha u difatti kkunsmaw minn din ir-raza l-imputata u tlieta mill-hbieb taghha li kienu maghha.**

Pero` anke li kieku wiehed kellu jassumi, ghall-grazzja ta’ l-argument, li r-raza tal-*cannabis* ma waslitx ghand l-appellanti – u ghalhekk kien hemm biss ix-xiri taghha fuq inkarigu ta’ haddiehor minghajr ma din lehqet giet materjalment f’idejn xi hadd – dan kien jammonta ghal traffikar?

Fil-fehma tal-Qorti f’dan il-kaz trid issir distinzjoni cara bejn il-pilloli Ecstasy u r-raza tal-*cannabis*. Fil-kaz tar-raza, ir-reat in dizamina johrog mill-Artikolu 8(b) tal-Kap. 101 li jitkellem dwar min *“jipproduci, ibigh jew xort’ohra jitraffika fir-raza mehuda mill-pjanta* Cannabis*…”*. Huwa fir-reat bazi stess li wiehed isib il-kelma “jitraffika”. Is-sub-artikolu (1B) ta’ l-Artikolu 22 tal-imsemmi Kap. 101 jipprovdi li *“Ghall-finijiet ta’ din l-Ordinanza il-kelma ‘jittraffika’…b’referenza ghal traffikar f’medicina, tinkludi l-koltivazzjoni…l-esportazzjoni, id-distribuzzjoni, il-*

*produzzjoni, l-amministrazzjoni, il-provvista*[1]*, li wiehed joffri li jaghmel xi wiehed minn dawn l-atti, u l-ghoti ta' informazzjoni intiza biex twassal ghax-xiri ta' tali medicina bi ksur ta' din l-Ordinanza"*. Fil-kaz in dizamina, ghalkemm wiehed jista' jghid li l-appellanti materjalment ma pprovdietx id-droga in kwantu din giet intercettata (kif qed tghid hi, mhux kif irrizulta lill-ewwel qorti u lil din il-Qorti) mill-Pulizija, xorta wahda jibqa' l-fatt li hija "offriet" li taghmel tali provvista meta accettat li tmur tixtri ghaliha u ghal shabha. Huwa mmaterjali jekk tali offerta kienitx wahda spontanea taghha, jew gietx wara li saritilha talba minghand haddiehor. Ghalhekk certament f'dan il-kaz kien hemm traffikar fir-raza tal-*cannabis* da parti ta' l-appellanti.

Kwantu ghall-pilloli Ecstasy, il-kwistjoni trid tigi ezaminata fid-dawl ta' disposizzjonijiet ohra tal-ligi, u senjatament id-disposizzjonijiet tal-Kap. 31 u tar-regolamenti maghmula taht dan il-Kapitolu tal-ligi. Ir-reat bazi ipotizzat fit-tieni imputazzjoni huwa dak kontemplat fil-paragrafu (2) tar-regolament 11 tar-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini (Avviz Legali 22/1985), regolamenti li jaqghu taht l-Artikolu 40A tal-Kap. 31. Din id-disposizzjoni, fil-parti relevanti taghha, taqra hekk: *"Ebda persuna ma ghandha tikkonsenja xi medicina specifikata lil xi persuna ohra li ma tkunx spizjar dirigenti jew li xort'ohra ma tkunx awtorizzata bil-mod xieraq biex ikollha fil-pusses taghha dik il-medicina…"*. L-att materjali huwa, ghalhekk, l-att tal-"konsenja". L-Artikolu 120A(1)(a) tal-Kap. 31 jpprovdi li *"Kull persuna…li tikser, jew li tonqos li thares xi disposizzjoni ta' xi regolament maghmul taht l-Artikolu 40A…tkun hatja ta' reat kontra dan l-artikolu"*. Fil-fehma tal-Qorti ma jistax jinghad li l-appellanti "ikkonsenjat" xi pillola Ecstasy lil xi hadd. Huwa veru li s-subartikolu (4) tal-imsemmi Artikolu 120A jipprovdi li *"Kull min jittanta jaghmel reat kontra dan l-artikolu, jew ihajjar jew igieghel persuna ohra taghmel dak ir-reat, jehel, meta jinsab hati, minghajr pregudizzju ghal kull responsabbilta` ohra, l-istess piena u konfiska daqs li kieku kkommetta r-reat taht dan l-artikolu"*. Din id-disposizzjoni, bhala parti mill-Artikolu 120A, dahlet fil-Kap. 31 bl-Att V tal-1985 u

[1] "Supply", fit-test Ingliz.

ghalhekk, bhala ligi specjali, ir-referenza ghall-"thajjir" jew li wiehed "igieghel" persuna ohra tikkommetti reat trid tigi nterpretata, sia mil-lat ta' dritt sostantiv kif ukoll mil-lat ta' dritt procedurali, indipendentement mill-kuncett ta' komplicita` li nsibu fil-Kodici Kriminali. Fil-kaz in dizamina l-Pulizija Ezekuttiva ghazlet li takkuza lill-appellanti mhux li hajjret lil haddiehor jikkonsenja medicina psikotropika – haga li effettivament hija ghamlet meta ghamlet l-ordni ghall-pilloli – izda li kienet hi li materjalment ikkonsenjatha – haga li ma ghamlitx. Mill-banda l-ohra u b'applikazzjoni tar-regoli generali tat-tentattiv u tal-komplicita`[2] taht il-Kodici Kriminali, anqas jista' jinghad li l-appellanti saret hatja, b'dak li ghamlet, ta' komplicita` fir-reat ta' konsenja taht ir-regolament 11(2) imsemmi: ma hemmx prova sodisfacenti li haddiehor (min effettivament kellu jikkonsenja) kien ghall-anqas ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt tal-konsenja skond ma jirrikjedi l-Artikolu 41(1) tal-Kap. 9 (kif inhu risaput jista' jkollok komplicita` f'tentattiv izda mhux tentattiv ta' komplicita`). Ghalhekk ma kienitx korretta l-ewwel qorti meta sabet lill-appellanti hatja skond it-tieni imputazzjoni.

Kwantu ghall-piena – l-appellanti ghandha t-tielet aggravju proprju fuq il-piena – ftit li xejn hemm xi tghid. Anke jekk wiehed kellu jiehu biss il-piena taht il-Kap. 101, l-ewwel qorti jidher li nizlet taht il-minimu kemm ghal dik li hi piena karcerarja kif ukoll ghal dak li jirrigwarda l-piena pekunjarja minkejja d-divjet tas-subartikolu (9) tal-Artikolu 22 tal-Kap. 101. Ghalhekk din il-Qorti ma tara ebda raguni valida ghala ghandha tvarja dik il-piena.

Ghall-motivi premessi tirriforma s-sentenza appellata fis-sens biss illi tirrevoka dik il-parti ta' l-imsemmija sentenza li permezz taghha l-appellanti nstabet hatja skond it-tieni imputazzjoni u minflok tilliberaha minn din it-tieni imputazzjoni, izda, salv dak li sejjer jinghad dwar id-distruzzjoni tad-droga, tikkonferma l-istess sentenza fil-bqija (cioe` ghal dak li jirrigwarda s-sejbien ta' htija skond l-ewwel, it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet, kif ukoll ghal

---

[2] Dawn ir-regoli jibqghu applikabbli ghal kaz simili minhabba l-espressjoni *"...minghajr pregudizzju ghal kull responsabbilta` ohra..."* fl-Artikolu 120A(4) tal-Kap. 31.

dak li jirrigwarda l-piena). Kwantu ghad-distruzzjoni tad-Dokument D1, il-Qorti tirrevoka l-inkarigu ta' l-Ispizjar Mario Mifsud u minflok tordna li d-droga tigi distrutta mir-Registratur kemm-il darba l-Avukat Generali ma jindikax permezz ta' nota fi zmien gimgha mill-lum li dan l-ezibit hu mehtieg in konnessjoni ma' xi proceduri ohra. Id-distruzzjoni ghandha ssir mhux aktar tard minn gimghatejn wara eghluq l-imsemmija gimgha, u r-Registratur ghandu jinserixxi f'dawn l-atti *proces-verbal* bid-dettalji tal-process ta' distruzzjoni.

--------------------------------TMIEM--------------------------------